MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

It-TLieta, 21 ta' Jannar, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-17:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Gorg Camilleri – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

SKUŻATA:

Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

*Kunsill Lokali San Lawrenz*
*22A, Triq id-Duluri*
*San Lawrenz*
*Tel: 21563556*

## 9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

9.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 7 u laqgħa nr. 8 li kienu meqjusa moqrija.

9.1.2 Il-minuti taż-żewġ laqgħat kienu approvatii u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 9.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

9.2.1 Is-Sindku qal li peress li issa inbidel il-Ministru tal-Ambjent, id-Dwejra Steering Committee kellu jxolji u informa li huwa bagħt ir-riżenja tiegħu mill-Kumitat. Is-Sindku preżenti l-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat u qed jipproponi li jiġu annessi ma dawn il-minuti. Il-Kunsill qabel unanimament.

Fl-istess minuti msemmija tal-Kumitat, is-Sindku kien propona li jitnaddaf il-Wied tad-Dwejra u filfatt kellhom jinħatru esperti biex jaraw x'hemm bżonn isir. Is-Sindku qal li informa lill-Kumitat bil-problema ta' parkeġġ fl-Inland Sea u talab f'isem il-Kunsill sabiex dan jitwaqqaf ħlief għal dawk li għandhom boathouse jew jinżlu bid-dgħajsa. Is-Sindku semma wkoll sabiex tiġi rranġata t-triq li twassal għall-*inland sea*. Il-Kunsill qabel ma dawn il-punti.

9.2.2 Is-Sindku qal li għall-korisijiet qed ikun hemm attendenza tajba ħafna speċjalment l-kors tal-Malti għall-barranin. Kompa jgħid li għall-korsijiet tat-tfal kieku tajjeb ikun hemm iktar interess u għalhekk se jerġa joħroġ avviż biex ifakkar lill-ġenituri japplikaw.

9.2.3 Is-Sindku qal li jixtieq jirraporta b'sodisfazzjoni li l-Assistant Principal il-ġdida bdiet u sejra tajjeb ħafna.

9.2.4 Is-Sindku qal, li bi pjaċir jixtieq jirraporta li ċ-Ċentru Interpretattiv tad-Dwejra rebaħ l-ewwel Premju *'Gozo Cultural/Social Tourism Achievement Awards 2019'*. Iċ-Ċentru kien qed jikkompeti ma sitt Kunsilli oħra. Is-Sindku qal li dan il-premju jagħti aktar viżibilità liċ-Ċentru u semma li diġa kellu kuntatt ma gwida li tixtieq tibda ġġib turisti jaraw iċ-Ċentru. Is-Sindku qal li jekk ikun hemm tletin persuna li jżuru iċ-Ċentru kuljum, ikun mifdi mill-ispejjeż. Il-Kunsill Gorg Camilleri qal li jekk la darba ċ-Ċentru ikun mifdi, hu jaqbel li jibqa jopera, pero jekk dan jibqa bit-telf, xorta tal-fehma li ma joperax.

Is-Sindku kompla jgħid li l-Hon Clint Camilleri kien wera interess li joffri xi tip ta' servizz fiċ-Ċentru. Is-Sindku komplabilli qal li issa la darba l-Hon Camilleri huwa l-Ministru t'Għawdex, forsi għandu xi pjanijiet ikbar għaċ-Ċentru. Informa wkoll li anke il-President tar-Reġjun u l-production team ta' Għawdex Illum wrew interess fiċ-Ċentru wara li semew bil-Premju. Filfatt is-Sindku qal li t-tim t'Għawdex Illum diġa talbu għall-permess sabiex isir filming fuq dan iċ-Ċentru.

9.2.5 Is-Sindku informa lill-sħabu Kunsilliera li qed jiġu ikkopjati fl-emails li qed jintbagħtu lid-Direttur tad-DLG rigward it-talba u l-protesta li qed jagħmel dwar l-allokazzjoni

finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku qal li fl-ewwel email li bagħat wera lid-Direttur bid-dispjaċir tiegħu kif inħadmet l-allokazzjoni fejn ġejna kompletament mċaħħdin minn fondi għall-żona turistika, li fil-każ tagħna hi d-Dwejra. Id-Direttur infurmah li qed jagħmel mill-aħjar sabiex jikkoreġi s-sitwazzjoni.

9.2.6 Is-Sindku ippropona li peress li sar r-*reshuffle* tal-Ministri, jintbagħtu ittri lill-Hon Justyne Caruana bħala ringrazzjament tax-xogħol li wettqet tul dawn is-snin, u bħala merħba lill-Hon Clint Camilleri bħala Ministru għal Għawdex u Hon. Jose' Herrera bħala Ministru tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.2.7 Is-SE rraportat li kienet mgħarrfa mill-Kap tal-Iskola ta' San Lawrenz li minħabba sitwazzjonijiet interni, bħala skola kienu ser jiġu esklużi mill-aħħar ġabra ta' tappijiet li tagħmel parti mill-kompetizzjoni tal-Green Pak. Il-Kap tal-Iskola qalilha li din kienet se tkun ta detriment fuq ir-riżultat finali u għalhekk ħidma ta' sena mill-istudenti u l-iskola kienet ser ikun ta' xejn. Is-SE qalet li f'dak il-mument hi ċemplet lill-Green Pak biex tkun taf aħjar fuq is-sitwazzjoni u qalulha li l-kuntrattur qed jirrifjuta li jagħmel l-aħħar ġabra u l-aħħar ċans sabiex dawn it-tappjiet ikunu inklużi fil-kompetizzjoni kien ser ikun l-għada. Is-SE qalet li f'dak il-ħin infurmat lis-Sindku bis-sitwazzjoni u sar qbil li nipprovdu transport lill-iskola sabiex jieħdu t-tappjiet Malta biex ikunu inklużi fil-kompetizzjoni u fil-fatt l-Iskola tagħna reġgħet kienet ir-rebbieħa. Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni.

9.2.8 Is-SE qalet li peress is-Sinjura Carmen Micallef daqt waslet sabiex tirtira, tkun ħaġa sabiħa li niltaqgħu xi darba ma xulxin tal-aħħar u tingħata rigal u tifkira mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.2.9 Is-SE qalet li inbagħtet ittra mid-Direttur Ġenerali Natalino Attard sabiex il-Kunsilli kollha jagħtu rendikont tal-ħaddiema tal-id. Is-SE reġgħet infurmatu bin-nuqqas ta' ħaddiema fil-Kunsill. Ġie rrimarkat li dan jista' jkun sar wara l-ittra li kiteb is-sindku lill-istess DG dwar in-nuqqas ta' ħaddiema li għandu l-Kunsill tagħna.

9.2.10 Is-SE qalet li irċivejna proposta għall-skema mill-Ministeru għall-Għawdex rigward Cat Cafes madwar Għawdex. Wara li analizzaw l-applikazzjoni, is-SE u s-Sindku infurmaw li din l-iskema ser torbot lill-Kunsill għall-ħames snin spejjeż u l-unika ħaġa li hi koperta fl-iskema ser tkun il-Cat Cafe 'kontejner' innifsu. Is-Sindku bagħat lura b'email u nforma li bħala Kunsill jaqbel iktar li nibnu l-Cat Cafe aħna u ningħataw l-bqija tal-ispejjeż. Il-Kunsill qabel.

9.2.11 Is-SE qalet li irċivejna rikjesta (Każ nr. 9) għal mera fi Triq Wied il-Merill. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi installata mera.

9.2.12 Is-SE qalet li irċivejna ittra mingħand is-Sinjura Cynthia Saliba li hi coach liċenzjata tal-basketball. Fl-ittra talbet li tiġi installata hoop tal-basketball fil-grawnd ta' San Lawrenz. Sar qbil li ssir jekk ikun hemm permess tas-Surmast.

9.2.13 Is-SE ippreżentat ittri li irċieva l-Kunsill mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni t' l-Ambjent u l-Ippjanar; Appell nr 464/19, 469/19 u 485/19. Ma kienx hemm kummenti fuq dawn l-appelli.

9.2.14 Is-SE qalet li irċivejna rikjesta b'ittra mingħand il-JP2 Foundation fejn ser jiġi mistieden kor fil-Knisja ta' San Lawrenz nhar is-Sibt, 15 ta' Frar 2020. Huma talbu għajnuna finanzjarja ta' €100.00 mill-Kunsill biex ikunu jista' jitella dan l-kunċert. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti din l-għajnuna.

9.2.15 Is-SE qalet li irċivejna ittra min resident ta' San Lawrenz (Każ. nr.10) fejn talab li l-cameras li l-Kunsill għandu fil-pussess tiegħu ikunu aċċessibli għal kulħadd. Is-Sindku fakkar li din il-materja kienet diġa diskussa u maqbula fl-laqgħat preċedenti. Is-Sindku kompla jgħid li dawn il-cameras ġew installati bħala mezz ta' sigurta' u huma b'tali mod li jistgħu jaqraw pjanċi ta' karozzi u allura minħabba *data protection* ma jistgħux ikunu aċċessibli għal kulħadd.

## 9.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

9.3.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri saqsa jekk f'San Lawrenz hawn xi ħadd li jdoqq xi strument mużikali li jista' jiġbed iktar nies lejn il-bar imexxi mill-Futbol Club.

9.3.2 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li rigward d-dawl baxx li jinsab fil-plots, hu tar-rakomandazzjoni li jibgħat lill-Ministru u jgħarrfu bis-sitwazzjoni dment li l-Enemalta m'humiex jagħtu kas. Is-Sindku fakkar li ilu snin għaddej b'emails u ħidma dwar l-issue huwa fakkar li l-Kunsill saħansitra kien offra l-culvert tal-Pjazza sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-cable u joffru s-sistema ġdida lin-nies. Fakkar ukoll li f' Awwissu li għadda l-Kunsill kien għamel rapport ukoll biex isaħħaħ l-argumenti tiegħu. Sal-ġimgħa ta' qabel is-Sindku kien għadu qed jibgħat lill-Inġiniera u qatt ma jirċievi risposta.

9.3.3 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li reġa beda nieżel l-ilma min ħdejn ir-restaurant tad-Dwejra. Sar qbil li niktbu lil tas-sanita'.

## 9.4 Performance Bonus għall-Impjegati;

9.4.1 Is-SE ressqet ir-rapport għall-Assistant Principal għas-sena 2019 u irrakkomandat li tingħata l-massimu ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.2 Is-Sindku ppropona li s-SE għandha tingħata *performance bonus* ta' 2019 il-massimu ta' 10% u l-Kunsil qabel unanimament.

## 9.5 Updates tal-Proġetti;

9.5.1 Is-Sindku qal li rigward il-proġett ta' Sebbaħ il-Lokal għadu jsostni mal-Perit Scerri sabiex ilesti d-dettalji tiegħu għall-applikazzjoni. Il-Kunsillier Joseph Cauchi ppropona li parti mill-proġett nagħmlu statwa ta' żewġ ħaddiema jaqgħtu il-ġebel. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill diġa kien għamel din il-proposta tal-istatwi li huma waħda fit-tarf tar-raħal u oħra bi tfal jilgħabu l-boċċi ħdejn il-pjazza.
Is-Sindku qal li dawn ser iservu ta' interazzjoni mat-turisti u dawk kollha li jgħaddu min San Lawrenz u b'hekk tinħoloq iktar ħajja u moviment fir-raħal.

9.5.2 Il-Sindku qal li rigward il-monument ta' San Lawrenz hu kien irċieva komunikat mill-Ministeru li waslu fl-aħħar diskussjonijiet tal-proġetti tar-restawr. Pero issa li tbiddel il-Ministru wieħed irid jara din kienetx skema marbuta mal-Ministru jew il-Ministeru u jekk ser ikun hemm xi tibdil fl-iskema.

9.5.3 Il-Sindku qal li rigward it-toroq Triq il-Wileg u Triq il-Gebla tal-General wara li ħafna tfakkir lill-kuntratturi differenti infurmawh li hemm
pjan li jibdew daqt. Is-Sindku qal li jixtieq jirraporta li fi Triq il-Gebla tal-General reġa beda ħiereġ l-ilma. Sar qbil li nibgħatu lis-Sur Lorry Apap biex ninfurmawħ.

## 9.6 Karnival 2020;

9.6.1 Wara diskussjoni sar qbil li l-Karnival f'San Lawrenz isir nhar il-Ħadd 16 ta' Frar wara nofsinhar bil-parteċipanti ta' San Lawrenz li se jagħtu preżentazzjoni ta' *Hilarious* u anke tal-Kumetiva. Sar qbil ukoll li din is-sena ssir kompetizzjoni bl-aħjar kostum tal-annimali u jingħata badge u vouchers għall-ewwel u t-tieni premju.

## 9.7 Maternity Leave tas-Segretarju Eżekuttiv;

9.7.1 Is-SE għamlet referenza għall-fatt li hi se toħrog bil-*maternity leave* fi Frar 2020. Is-SE kompliet tgħid li diġa għamlet kuntatt mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Marianne Sagona, fejn bdiet bil-*handover* magħha u lesta tidħol meta jkun hemm bżonn. Il-Kunsill awgura lis-SE għal dan iż-żmien tant sabiħ u s-SE irringrazzjat lil-kulħadd tas-sapport.

## 9.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-19:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 27 ta' Frar fil-17:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv